# HMS GLORIOUS L-ISTORJA... IT-TRAĠEDJA (1)



minn **RONALD BUGEJA**



F 74 PG 83 HMS Glorious ġewwa dry docks f'Malta



F 70 PG 81 Sea Gloss Gladiator jagħmel tluq tiegħu minn fuq HMS Glorious. Fl-isfond tidher ċara l-HMS Acasta



F 62 PG 78 ħsara fil-pruwa tal-Glorious wara ħabta ma' basitment ieħor

L-HMS Glorious isem ta' bastiment li ra r-rinaxximent tiegħu propju *ftit qabel l-Ewwel Gwerra* Dinja u kien wieħed minn tliet battle cruisers mibnija għar-Royal Navy dawn kienu mibnija apposta fuq parir li kien ingħata minn First sea Lord Fisher biex Royal Navy ikollha flotta preparata sewwa għall-proġett li kien qed jieħu forma fil-baħar Baltiku.

HMS Glorious ġiet varata għall-ewwel darba 1917 u ġiet tiswa somma totali ta' miljun, disa' mija sebgħa u sittin elf mitejn u tlieta u għoxrin Lira Sterlina, HMS Glorious fil-bidu tagħha ma kinetx air craft carrier. Iżda battle cruiser, li ġara kien li wara li saret il-famuża Lego of Nations, l-Ingliżi ddeċidew li kellhom inaqqsu xi armamenti u allura kien ġie deċiż li kellu jiġi 'decommissioned'. Allura l-armamenti kellhom jitnaqqsu, u r-Royal Navy iddeċidew li jerġgħu jarmaw lill-Glorious kif kien qabel is-sena 1926. Dan wara Lego of Nations u il-Famus Trattat ta' Versailles. Iżda dan il-ħsieb kien ingħata pjan ġdid u disinn ġdid biex l-HMS Glorious jinbidel f'air craft carrier proġett ambizzjuż li rnexxa u l-HMS Glorious ġie varat għat-tieni darba. *F'Marzu 1931, l-aircraft carrier* ġie armat sewwa b'16-il kanun tat-tip AA Guns 4.7 pulzieri u kellu aktar minn 50 kanun iżgħar għal kontra l-ajruplani (Anti air craft Guns). Il-Glorious kien twil madwar 786 pied u wiesa' madwar 81 pied. Hu kien jiżen madwar 22,000 tunnellata u kien itella' veloċità ta' 35 mil fis-siegħa.

L-isem ta' Glorious għal dak iż-żmien kien ħafna popolari f'pajjiżna dan għax il-bastiment kien stazzjonat fil-baħar Mediterran. Fil-fatt il-Glorious daħal għal l-ewwel darba fil-port il-kbir f' 24 ta' Jannar 1938 biex jieħu post l-HMS Courageous. Il-Glorious kien ikollu diversi missjonijiet ġewwa l-Mediterran fil-fatt hu kien dam Malta sa 7 ta' Frar 1938 u imbagħad beda jivvjaġġa minn Malta, Ġibiltà, Alexandria, Franza, Korsika u Greċija, u kien jidħol Malta spiss kif ukoll kienu issirlu xi manutenzjoni fit-tarzna f'pajjiżna. Dan apparti it-tiswijiet, il-Glorious kienet ukoll involuta f'inċident fejn kienet habtet ma bastiment b'isem ta SS Florida ġewwa Gibiltà ta' minn *isemmi ukoll li il-ħsarat kollha* li ġarrab il-bastiment f'dan l-inċident kollox ġie irranġat u msewwi fit-Tarzna ta' Malta.

Nixtieq nagħmel referenza speċjali ta' kemm kienet popolari it-Tarzna Maltija u il-ħidma professjonali li kienet toffri, u illum ħasra li t-Tarzna wara dawk suċċessi kollha kellha tispiċċa f'idejn *il-barranin!*

F'1939 il-Glorious ġiet ordnata tħalli Malta biex toħroġ mill-baħar Mediterran hija kienet fuq missjoni kemm xejn kruċjali meta ippruvaw jinterċettaw bastiment Ġermaniż Graf Spee il-Missjoni falliet u il-Glorious reġa' ġiet ordnata tbaħħar lejn Malta. Kien f'dak il-perjodu li Glorious kienet żiedet il-flotta ta' l-ajruplani tagħha fejn sa dak iż-żmien l-H.M.S. Glorious ma kienx ikun taħt missjoni militari, huwa kien ikun fih ekwipaġġ ta' 748 ruħ stazzjonati fuqu, iżda meta ingħaqad mal-Home fleet fil-kampanja militari Norveġiża, huwa kellu ekwipaġġ ta' 1,238 ruħ li 490 minnhom *kienu jiffurmaw* parti misservizz Air Squadron tal-ajruplani. F'Mejju tas-sena 1939 il-Glorious ġiet mgħammra b'disa' Sea Gloster Gladiators oħra kif ukoll kellha abbord fuqha ajruplani li kienu għadhom issiġillati ġo kaxxi kbar ta' l-injam meta daħlet it-tarzna biex isiru xi tiswijiet fuqha il-kaptan ordna li *jinħattu dawn il-kaxxi* minn fuq il-bastiment u jinġarru għall-ajruport ta' Hal Far. Il-pjan kien biex f'Malta tingħaqad l-ewwel skwadra ta' ajruplani Sea Gloster Gladiators u fil-fatt dan ġie deċiż meta il-Glorious ma ġiex lura Malta dawn iffurmaw l-ewwel difiża ta' l-ajru f'Maltija. Dawn it-tip ta' ajruplani kellhom rwol importanti għas-sempliċi raġuni li sa dak iż-żmien Malta ma kellha l-ebda forza ta' ajru stazzjonati f' Malta.

Hawn jidħlu wkoll it-tlett Ajruplani li kienu parti minn din il-forza Sea Gloster Gladiators dawn huma il-Famużi Faith N5520, Hope N5531 u Charity N5519.

Iktar 'l quddiem meta faqqet it-tieni Gwerra dinja Charity N5519 kien l-ewwel fost dawn it-tliet ajruplani li temm il-missjoni militari tiegħu meta fil-31 ta' Lulju 1940 dan ġie milqut u sar ballun nar waqt battalja malgħadu fis-sema. Huwa kien ikkraxxja fil-limiti ta' Ras il-Fenek u l-pilota Flt. Lt. Peter W. Hartley rnexxielu joħroġ mill-ajruplan u jagħmel l-inżul tiegħu bil-paraxut. Wara ftit, dan il-pilota ġie rikoverat għax kien qed isofri minn ħruq li ġarrab qabel ma qabeż mill-ajruplan. Kienet propju Hms Glorious li ġabet f'Malta dawn l-ajruplani.

Fil-25 ta' Marzu 1940 il-Glorious kien ġie imsejjaħ biex isalpa minn Malta u tingħaqad l-ewwel ma' Air Craft Carrier HMS Eagle li kienet ġewwa Ġibiltà minn hemm kellhom ibaħħru lejn il-baħar Brittaniku u minn hemm jibqgħu sejrin lejn Scapa flow. Hadt ma kien ġie infurmat b'din il-missjoni li kienet inżammet sigrieta fuq il-bastimenti kollha li issejħu

biex jingħaqdu mal-Home Fleet, meta ħalliet Malta għal l-aħħar darba l-HMS Glorious kien hemm tnejn u erbgħin baħri Malti abbord dan il-bastiment.

Irrid nagħti ħarsa dar il-lista tal-baħrin kollha Maltin li kienu fuq il-Glorious. Mur għidilhom li din il-missjoni kellha tkun l-aħħar waħda ta' ħajjithom id-destin tagħhom kien immarkat flimkien ma' destin sfortunat ta' dan il-bastiment dawn kienu:-

*Giuzeppe Francica* mill-Belt Valletta, Officers' Leading Cook 2c E/LX 21089

Francis Schembri mill-Belt Valletta, Assistant Steward E/LX 23056

Anthony Scicluna mill-Belt Valletta, Cook (o) E/LX 22446

Saviour Spiteri mill-Belt Valletta, Chief Petty Steward E/LX 20717

Vincent Sultana mill-Belt Valletta, Assistant Steward E/LX 22654

William Wadge mill-Belt Valletta, Officers' Cook 3c E/LX 21093

Joseph Zahra mill-Belt Valletta, Assistant Steward E/LX 22982

JosephZammit mill-Belt Valletta, Assistant Cook E/LX 23471

Saviour Zarb mill-Belt Valletta, Petty Officer Steward E/LX 20832

Carmel Zahra mill-Belt Valletta, Cook (o) E/LX 21093

Carmel Vassallo mill-Belt Valletta, Petty Officer Steward E/LX 21705

Francesco Spiteri mix-Xagħra Għawdex, cook (o) E/LX 21958

Carmel Micallef mill-Furjana, Canteen assistant,Naafi

John Micallef mill-Furjana, Canteen Assistant, Naafi

Joseph Pace mill-Furjana, Officers' Cook 2c E/LX 21000

Francis Polidanomill-Furjana, Assistant Steward E/LX 23825

Agustine Carbone mill-Ħamrun, Canteen Manager, Naafi

Gregory Caruana mill-Ħamrun, Steward E/LX 22029

Ramon Cuesta mill-Ħamrun, Canteen Assistant, Naafi

William Consiglio mill-Ħamrun, Steward E/LX 22308

Emanwel Bartolo mill-Ħamrun, Canteen Assistant, Naafi

Saviour Landolina mill-Ħamrun, Assistant Steward E/LX 22788

Giuseppi Cosaitis mill-Ħamrun, Chief Petty Officer Cook E/LX 12533

Cyril Buttersminn Ħaż-Żabbar, J.S.J.E. Steward E/LX 20620

Joseph Farellminn Ħaż-Żabbar, Assistant Steward E/LX 22996

*Benjamin Giglio* mill-Isla, Officers' Cook 1c E/LX 20840

Giovanni Fenech mill-Isla, B.Cook (o) E/LX 22996

Joseph Grixti mill-Isla, Leading cook (O) E/LX 20333

Alfred Jones mil-Isla, Steward E/LX 14920

Carmel Galea mil-Isla. Steward E/LX 12182

Vicent Diacono mill-Kalkara, Steward E/LX 20044

Walter bonello mill-Kalkara, Assistant Steward E/LX 22829

Alfred Borda mill-Kalkara, Petty Officer Steward E/LX 20695

Joseph Bonello mill-Kalkara, Leading Steward E/L 13188

Emanuel Agius minn Bormla, Assistant Steward E/LX 23547

Joseph Agius minn Bormla, Canteen Assistant, Naafi

Joseph Cachia minn Bormla, Ssteward E/LX 22506

Manwel Bartolo minn Bormla, Steward E/LX 22582

William Stone (kien miżżewweġ mara Maltija), Acting Leading Steward D/K 66814

Leonard Underwood (kien miżżewweġ mara Maltija), Leading Stoker D/K 62731

Kenneth Linwood (kien miżżewweġ mara Maltija), Chief Stoker D/K 56882

Roy Hounsell (kien miżżewweġ mara Maltija), Airmechanic 1C (E) FAA/KX 76362

Fredrick Apps (kien miżżewweġ mara Maltija), Able Seaman C/JX 108285

Mal-wasal tagħhom ġewwa Scapa Flow il-kaptani ngħataw l-ordnijiet li kellhom isalpaw għal missjoni fin-Norveġja. Din il-missjoni kienet ġiet ippjanata minn Wiston Churchill biex jiġu evakwati is-suldati Ingliżi biex ma jiġrix l-istess kif kien ġara f'Dunkirk. L-Ingliżi ovvjament bħal kull pajjiż li kienu jaħkmu fih riedu iżommuh bi skop. Dan għax in-Norveġja fiha kwantità kbira ta' ħadid u allura għall-Ingliżi kien aktar aħjar li iżommuh biex ikollhom ħadid biżżejjed għall-armamenti tagħhom biex huma dejjem ikollhom ir-riżorsi meħtieġa l-istess kif għamlu f'pajjiżna li ġabuh bażi militari, l-Eġittu minħabba ż-żejt, l-India minħabba rikkezzi li fih apparti ir-riżorsi li joffri dan il-pajjiż vast dawn kollha kienu parti mill-ħamsin li kienu taħt il-kuruna reali.

Il-Ġermaniżi f'April tas-sena 1940 kienu bdew li kampanja militari biex itemmu l-okkupazzjoni ta' l-Ingliżi minn fin-Norveġja. L-Ingliżi kienu qed jagħmlu minn kollox biex iżommu il-qawwa Ġermaniża iżda sa Mejju ta' l-istess sena huma indunaw li dan kien kollu inutli u li kieku il-Prim Ministru ġdid Winston Churchill baqa' iwebbes rasu ħafna iktar suldati kienu jispiċċaw jitilfu ħajjithom jew jaqgħu priġunieri. Il-Prim Ministru Neville Chamberlain ħa it-tort kollu tal-kampanji militari ħżiena li bdew iwettqu l-Ingliżi iżda wara dan kollu kien hemm il-logħba ta' Winston Churchill biex jilħaq Prim Ministru floku dan għax hu kien il-First Sea Lord f'dawk il-kampanji kollha li saru u hu kien qed jgħatti l-istruzzjonijiet li fl-aħħar bdew jirriżultaw f'traġedja wara oħra u ħafna baħrin tilfu ħajjithom minħabba id-deċiżjonjiet żbaljati li kien jieħu apposta biex jidher ikrah Neville Chamberlain. Sakemm beda jiġri dan it-teqlib kbir politiku fl-Ingilterra. L-Ingliżi iddeċidew li ikun għaqli li salvaw is-suldati li għandhom fin-Norveġja u jinġabu lura f'art twelidhom.


F 61 PG 78 l-inċident bejn HMS Glorious u SS Florida f'Gilbiltara

F 30 PG 56 HMS Glorious flimkien ma' HMS Westminster ankrati ġewwa Scapa Flow ftit qabel salpaw lejn in-Norveġja. Dan ritratt ġie miġbud ukoll minn fuq HMS Ark Royal




F 25 PG 53 Kenneth Cross il-bdot minn 46 SQ

*Ikompli f'ħarġa oħra*